FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Gimgha, 14 ta' Dicembru, 2001

**Numru 9**

**Avviz. numru 1388/01JR**

**Mirage Holdings Limited**

**vs**

**Borg Barthet Brothers Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' Novembru, 2001, fejn intalab il-hlas ta' elf mija sitta u tmenin lira Maltija (Lm1186.00), in kwantu ghas-somma ta' elf u wiehed u hamsin lira Maltija (Lm1051.00) import ta' kambjala annessa u mmarkata Dokument 1 u li d-data tal-maturita` taghha skadiet, u in kwantu ghas-somma ta' mija u hamsa u tletin lira Maltija (Lm135.00) bhala imghaxijiet legali dovuti sal-lum fuq l-istess ammonti;**

**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-lum sad-data ta' l-effettiv pagament kontra s-socjeta` konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni.**

Ra li s-socjeta` konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma deher rapprezentant taghha.

Semgha x-xhieda ta' Dr. John Buttigieg ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont ghadu dovut. Ha konjizzjoni tad-dokument esebit u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf mija u sitta u tmenin lira Maltija (Lm1186.00), bl-imghaxijiet kummercjali mill-5 ta' Novembru, 2001, sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta` konvenuta skond il-Ligi.

Dr Joseph Refalo
GUDIKATUR